MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 43/2015

**Baketech Supplies & Services Ltd. (C26797)**

**vs**

**Antoine Tanti u Johan Tanti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Baketech Supplies and Services Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjeta’ rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta’ Champ Ltd (C49594) wara li din baqghet inadempjenti sussegwentement ghall-iffirmat ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood tat-18 ta’ Marzu, 2014 (kopja annessa u mmarkata bhala **Dok B**) liema kuntratt gie rez ezegwibbli bis-sahha tal-ittra ufficjali numru 3439/2014 ipprezentata fil-31 ta’ Ottubru 2014;

Bl-iskop li s-socjeta’ rikorrenti tinghata sigurta’ ulterjuri ghall-ammonti dovuti minn Champ Ltd, l-intimati Antoine Tanti u Johan Tanti solidalment bejniethom ikkostitwew ruhhom bhala garanti addizzjonali in solidum mal-istess Champ Ltd ghas-somma ta’ sebghin elf hames mija u disgha euro u wiehed u sittin centezmu (€70.509.61) flimkien mal-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena bis-sahha tal-kuntratt fuq imsemmi;

Ghalkemm saru xi hlasijiet mid-debitrici principali Champ Ltd, fadal bilanc ta’ tmienja u hamsin elf hames mija u disgha euro u wiehed u sitting centezmu (€58.509.61) dovut lis-socjeta’ rikorrenti flimkien mal-imghaxijiet relattivi;

Ghalhekk l-intimati Antoine Tanti u Johan Tanti qua garanti solidali ta’ Champ Ltd, huma debituri tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma msemmija ta’ tmienja u hamsin elf hames mija u disgha euro u wiehed u sittin centezmu (€58.509.61) flimkien mal-imghaxijiet relattivi;

Fil-31 ta’ Ottubru 2014, is-socjeta’ rikorrenti pprezentat ittra ufficjali bin-numru 3438/2014 (kopja annessa u mmarkata bhala **Dok C**) kontra l-intimati ghall-hlas tal-ammont dovut pero dawn baqghu inadempjenti minkejja li gew notifikati fil-5 ta’ Novembru, 2014;

Dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ rikorrenti thoss li l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talbiet taghha;

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex;

1. Tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Proceduri Civili;

2. Tiddikjara illi l-intimati Antoine Tanti u Johan Tanti solidalment bejniethom *qua* garanti solidali tal-kumpanija Champ Ltd, huma debituri tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ tmienja u hamsin elf hames mija u disgha euro u wiehed u sittin centezmu (€58.509.61);

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex jhallsu s-somma msemmija lis-socjeta’ rikorrenti;

Bl-ispejjez gudizzjarji kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors mahluf kif ukoll bl-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sens fuq is-somma

msemmija dekoribbli mill-5 ta’ Novembru 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li Antoine Tanti u Johan Tanti ghalkemm debitament notifikati, baqghu ma dehrux biex iwiegbu ghall-kawza.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta; tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lil Antoine Tanti u Johan Tanti ihallasu lil Baketech Supplies and Services Limited is-somma ta’ (€58.509.61), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu min Antoine Tanti u Johan Tanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------